



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT-ĠENERALI GĦALL-AZZJONI KLIMATIKA

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020
REV2 – jissostitwixxi l-avviż
(REV1) bid-data tad-19 ta'
Diċembru 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

**IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IL-MONITORAĠġ U L-VERIFIKA
TAL-EMISSJONIJIET CO₂ TAT-TRASPORT MARITTIMU**

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi² perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, id-dritt tal-UE fl-intier tiegħu japplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan li jidħol fis-seħħi fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq, ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁴, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni ġuridika wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi spjegati f'dan l-avviż

- il-kumpaniji huma mħeġġa jiżguraw li wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dokumenti ta' konformità, bħal kwalunkwe attivită oħra ta' verifika konformi mar-Regolament (UE) Nru 2015/757, jinħarġu biss minn verifikaturi akkreditati minn entità nazzjonali tal-akkreditazzjoni ta' Stat Membru tal-UE.

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż li mhuwiex membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdix għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta’ oriġini”, u l-armonizzazzjoni. U ftehim ta' kummerċ ħieles lanqas ma jnejhhi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- bħalissa l-verifikaturi akkreditati mill-United Kingdom Accreditation Service se jkunu meħtieġa japplikaw għall-akkreditazzjoni mingħand korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni ta' Stat Membru tal-UE jekk ikunu jixtiequ jissoktaw bl-attivitajiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2015/757.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax

- ir-regoli tal-UE dwar it-trasport marittimu, fosthom is-sikurezza marittima;
- regoli oħra tal-UE dwar il-politika klimatika.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħej jew avviżi oħrajn filwaqt li oħrajn ġew ippubblikati⁵.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament (UE) 2015/757 dwar il-Monitoraġġ, ir-Rappurtar u l-Verifika ta' Emissjonijiet tad-Diossidu tal-Karbonju (CO₂) mit-Trasport Marittimu⁶ ma huwiex se jibqa' japplika għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-OBLIGI TA' MONITORAĠġ U TA' RAPPORTAR

Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2015/757, il-kumpaniji jridu jimmonitorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet ta' CO₂ u parametri rilevanti oħra għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom — irrispettivament mill-bandiera li jtajru — fir-rigward ta' kwalunkwe vjaggħ bejn port ta' Stat Membru u għal kwalunkwe vjaggħ lejn jew minn port ta' Stat Membru.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-emissjonijiet CO₂

- ta' bastimenti fil-portijiet fil-ġurisdizzjoni tar-Renju Unit; jew
- minn vjaġġi minn port tar-Renju Unit lejn port ta' pajjiż terz, u viċi versa,

ma jaqgħux taħt dawn ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar.

2. PJANIJIET TA' MONITORAĠġ U RAPPORTI DWAR L-EMISSJONIJIET; L-AKKREDITAZZJONI TAL-VERIFIKATURI

Skont l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2015/757, il-pjanijiet ta' monitoraġġ li jistabbilixxu, fost l-oħrajn, il-metodu ta' monitoraġġ għal kull bastiment, kif ukoll ir-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet iridu jiġu verifikati minn verifikaturi akkreditati.

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁶ ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55.

Skont l-Artikoli 13 u 17 tar-Regolament (UE) 2015/757, il-verifikatur akkreditat irid jivvaluta l-konformità tal-pjan ta' monitoraġġ u tar-rapport dwar l-emissjonijiet relatati mal-vjaġġi kolla ta' bastiment li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament (ara aktar 'il fuq) ma' dan ir-Regolament. L-istess verifikatur akkreditat joħroġ dokument ta' konformità, abbażi tar-rapport ta' verifika, li jrid jinġarr abbord il-bastiment ikkonċernat.

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/757, huma biss il-verifikaturi akkreditati minn korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni ta' Stat Membru tal-UE b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008⁷ li jistgħu jwettqu attivitajiet ta' verifika skont ir-Regolament 2015/757.

Il-United Kingdom Accreditation Service ma huwiex se jibqa' korp ta' akkreditazzjoni fit-tifsira u għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni⁸. B'konformità ma' dan, iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni tiegħu mhumiex se jibqgħu validi jew rikonoxxuti fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

B'konsegwenza ta' dan, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-verifikaturi akkreditati mill-United Kingdom Accreditation Service ma jistgħux jibqgħu jwettqu attivitajiet ta' verifika, fosthom il-ħruġ ta' dokumenti ta' konformità, skont ir-Regolament (UE) 2015/757⁹.¹⁰

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra mis-settur marittimu (https://ec.europa.eu/clima/policies/transport/shipping_mt) jiaprovd় informazzjoni ġenerali f'dan ir-rigward. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat-Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika

⁷ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

⁸ Ara wkoll it-Taqsima A.3 tal-“Avviż lill-partijiet ikkonċernati – il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-prodotti industrijni” (REV2, it-13 ta' Marzu 2020), ippubblifikat hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt.

⁹ Id-dokumenti ta' konformità maħruġa fl-2020 minn verifikaturi akkreditati mill-United Kingdom Accreditation Service, li jkopru l-perjodu ta' rapportar fl-2019, jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2021 (ara l-Artikoli 17(3) u 18 tar-Regolament (UE) 2015/757).

¹⁰ Skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2016/2072, fejn l-entità legali li titlob l-akkreditazzjoni ma tkun stabbilita fi Stat Membru, hija tkun tista' tindirizza t-talba tagħha lill-korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru li jiprovdak akkreditazzjoni fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/757.